MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1413/1996/1

Reuben **FARRUĠIA** bħala mandatarju tal-assenti Denis Thorns, in forza ta' prokura tal-ħmistax (15) ta' April, elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), u b'dikjarazzjoni tal-14 ta' April, 1999, l-attur Denis Thorns assuma l-atti tal-kawża

vs

Tessa **PISANI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Mejju, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (a) tordna lill-imħarrka troddlu lura, fiż-żmien

qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalha, d-djamant "*pear shaped*" tiegħu ta' tnejn punt wieħed disgħa karati (2.19ct); (b) fin-nuqqas, tikkundanna lill-imħarrka troddlu lura djamant bħalu kif imfisser fiċ-ċertifikat mehmuż mal-istess Att taċ-Ċitazzjoni; u (ċ) jekk kemm-il darba l-imħarrka tonqos li twettaq dak ordnat lilha fiż-żmien mogħti, tagħtih il-fakulta' li jixtri jew jordna djamant ieħor bħalu bi spejjeż għall-imħarrka. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Jannar, 1998[1], li bih u fuq talba magħmula b'rikors tat-30 ta' Settembru, 1997, tat lill-imħarrka l-jedd li tikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka fl-20 ta' Ottubru, 1997 (jiġifieri qabel ma l-Qorti awtorizzatha tressaqha) li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talba ma kinitx mistħoqqa għaliex l-attur kien taha d-djamant bħala rigal talli hija kien sseħħilha ssiblu xerrej li kien lest li jixtri post li l-attur kellu f'Baħar iċ-Ċagħak bi prezz ogħla minn dak li l-attur innifsu kien stenna li jġib minn dak il-bejgħ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Marzu, 1998[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha biex tisma' x-xhieda;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda l-provi dokumentali mressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2004[3], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li s-sottomissjonijiet tal-għeluq isiru permezz ta' Noti ta' Osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fit-30 ta' Lulju, 2004[4];

---

1 Paġ. 21 tal-proċess
2 Paġ. 32 tal-proċess
3 Paġ. 160 tal-proċess
4 Paġġ. 161 sa 170 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fis-6 ta' Settembru, 2004[5], bi tweġiba għal dik tal-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal radd lura ta' ħaġa mħollija f'idejn persuna biex tieħu ħsiebha. L-attur irid li l-imħarrka – li magħha kien għamel xi żmien jghix – troddlu lura djamant tiegħu li hu jgħid li fdalha f'idejha biex tindukrah. Irid li f'każ li mhijiex f'qagħda li troddulu lura, hi għandha jew tixtrilu ieħor bħalu jew, f'każ li tonqos, li hu jkun awtorizzat li jixtri jew jordna ieħor bħalu bi spejjeż tagħha;

Illi l-imħarrka tilqa' għal din l-azzjoni billi tgħid li l-pendent tad-djamant kien ingħatalha mill-attur bħala rigal talli kien seħħilha ġġiblu prezz aħjar milli stenna meta kien biegħ post li kellu f'Baħar iċ-Ċagħak. Tgħid li ladarba d-djamant kien ingħatalha b'rigal, l-attur ma setax jitlobulha lura;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-imħarrka taħdem bħala *property negotiator* ma' kumpannija li tinnegozja fil-proprjeta' immobbli. Il-partijiet iltaqgħu u saru jafu b'xulxin meta l-attur *proprio* kien mistieden għal festin organizzat mill-imsemmija kumpannija fl-1994. Dak iż-żmien, l-attur *proprio* kien jgħix f'Malta u, fost l-oħrajn, kien sid ta' post f'Baħar iċ-Ċagħak, li huwa kien xtaq li jbigħ. Kien qabbad lill-imsemmija kumpannija biex toħodlu ħsieb issiblu xerrej u l-imħarrka ħadmet f'dan ir-rigward u d-dar inbiegħet għall-ħabta ta' Jannar tal-1995[6]. L-imħarrka kien seħħilha ssib il-bejgħ tal-post u sabet lil min kien ta prezz aħjar minn dak li kien jistenna l-attur *nomine.* L-attur *proprio* jgħid li

[5] Paġġ. 172 sa 180 tal-proċess
[6] Xhieda tal-attur 19.11.1998, f'paġ. 39 tal-proċess

kien ħallas is-senserija lill-kumpannija fi flus kontanti, imma ma kienx ingħata riċevuta fiskali;

Illi l-partijiet saru ħbieb u, wara li l-attur kien neħħa l-post ta' Baħar iċ-Ċagħak, mar joqgħod mal-imħarrka. Il-ħbiberija mxiet 'il quddiem u saret waħda sentimentali u intima. L-attur *proprio* għamel ftit żmien jgħix mal-imħarrka. Matul dan iż-żmien, il-pendent tad-djamant tal-attur għadda f'idejn l-imħarrka. Madankollu, matul dak iż-żmien, l-attur kien silef l-imsemmi pendent lil ħabiba tiegħu biex tilbsu waqt il-festin tal-għerusija tagħha[7], minħabba li kienu ħbieb, tant li l-attur kien *best man* fit-tieġ tagħha[8]. Dak l-istess pendent kien dam għand il-ħabiba għal xi jiem. Matul dan iż-żmien ukoll, l-attur *proprio* xtara katina għall-pendent u taha lill-imħarrka biex tkun tista' tilbes id-djamant imdendel ma' dik il-katina[9]. F'xi żmien, l-imħarrka assikurat ukoll il-pendent[10];

Illi wara xi żmien, il-partijiet tlewmu u ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. L-attur *proprio* telaq mid-dar tal-imħarrka u mar joqgħod f'appartament li kera band'oħra. Wara xi żmien, ħalla Malta u mar jgħix barra għal xi żmien . F'April tal-1996[11] ta prokura lill-attur *nomine* u f'Mejju tal-1996 infetħet il-kawża. Matul iż-żmien li kienet miexa l-kawża, l-attur reġa' ġie jgħix f'Malta[12];

Illi minn kif żvolġa l-mixi 'l quddiem tal-kawża, jidher ċar li l-qofol tal-<u>konsiderazzjonijiet marbutin ma' dan il-każ</u> iduru mal-kwestjoni tar-raġuni li għaliha d-djamant spiċċa f'idejn l-imħarrka. Ma jidhirx li tqanqlet il-kwestjoni dwar jekk l-attur *proprio* kienx tassew sid id-djamant meta dan ġie f'idejn l-imħarrka. Għall-kuntrarju, it-teżi tal-imħarrka timplika li dak id-djamant kien tassew tal-attur u kien sewwasew għaliex huwa kien sidu li fil-fatt seta' jagħtihulha[13];

---

[7] Dok "MCM", f'paġ. 52 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Maureen Caruana Montalto 14.4.1999, f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess
[9] Xhieda tal-imħarrka 1.11.2000, f'paġġ. 64 – 5 tal-proċess
[10] Xhieda tagħha 14.2.2002 u Dokti "TP3" u "KG1", f'paġġ. 79, 97 u 110 tal-proċess
[11] Dok "Z", f'paġ. 4 tal-proċess
[12] Verbal tas-seduta tal-14 ta' April, 1999, f'paġ. 48 tal-proċess
[13] Art. 1741(1) tal-Kap 16

Illi l-qofol tal-kwestjoni hija dwar it-titolu li bih dak id-djamant għadda f'idejha. L-attur jgħid li huwa fdah f'idejha biex tgħassu, filwaqt li hi tgħid li d-djamant ingħatalha b'rigal. Fi ftit kliem, il-Qorti trid tqis jekk il-ħaġa kinitx depożitata mal-imħarrka jew jekk din saritx sidha bis-saħħa ta' donazzjoni;

Illi fil-qafas ta' din il-kwestjoni kollha għandha parti ewlenija x-xhieda mressqa u kemm din jixraq titwemmen, għaliex, kif inhu mistenni f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet radikalment opposti tal-partijiet huma l-għejjun li minnhom din il-Qorti trid tislet is-sewwa u tiddetermina kif ġraw il-fatti. Ladarba tingħaraf il-verżjoni li wieħed l-iżjed jista' joqgħod fuqha, mbagħad, ikun meħtieġ li dawk il-fatti jitqiesu fil-qafas tal-prinċipji legali li jgħoddu għall-każ;

Illi ż-żewġ partijiet jagħtu verżjonijiet għal kollox differenti dwar kif il-ħaġra prezzjuża għaddiet f'idejn l-imħarrka, imma jaqblu li għaddiet fil-pussess tal-imħarrka, wara li kien intradd lura mill-ħabiba tal-attur wara l-festa tal-għerusija tagħha. Iż-żewġ verżjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti huma dawk li l-partijiet qegħdin iżommu wara li nqala' t-tilwim bejniethom u l-istess jista' jingħad għax-xhieda tax-xhud imressqin minnhom. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova sħiħa u inekwivoka ta' x'ġara fiż-żmien li l-ħaġra prezzjuża ġiet f'idejn l-imħarrka. Dan l-element huwa wieħed kruċjali għat-teżi tal-imħarrka u dan għaliex kien jagħti ħjiel tal-fehma tal-partijiet fil-waqt tat-*traditio*. Dan jingħad għaliex f'każ li tassew kien hemm għotja jew donazzjoni, ikun meħtieġ li jintwera li l-fehma ta' min kien qed jgħaddi l-ħaġa kienet tassew dik li jagħtiha b'liberalita' bħalma kienet il-fehma ta' min kien qed jirċeviha;

Illi jaqa' fuq l-imħarrka li turi bi provi ċari li l-ħaġra prezzjuża ngħatatilha b'rigal u mhux kif qiegħed jallega l-attur *proprio*. Dan id-dmir jaqa' fuqha – u mhux fuq l-attur *proprio* biex jipprova l-kuntrarju – kemm jekk id-donazzjoni allegata hija waħda proprja u wkoll jekk tkun donazzjoni rimuneratorja jew waħda mħallta[14]. L-imħarrka jeħtiġilha

[14] P.A. **4.11.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Psaila*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.472**)

tipprova l-allegazzjoni tagħha wkoll għaliex, f'dan il-każ, ma hemm l-ebda kitba jew kuntratt li jixhed dik is-sura ta' trasferiment. F'kull każ, l-attur jiċħad għal kollox li huwa ta l-pendent lill-imħarrka b'rigal u din iċ-ċaħda wriha lil ħaddieħor sa minn qabel ma fetaħ il-kawża[15];

Illi ta' min jgħid li l-imħarrka dehrilha li riedet torbot l-għoti lilha tal-ħaġra prezzjuża mal-ideja tal-kumpens minħabba l-ħidma u t-tħabrik tagħha biex seħħilha ssib xerrej għall-bejgħ tad-dar tal-attur. Dan, kif ingħad aktar qabel, tefa' fuqha obbligu ta' prova ta' dak minnha allegat. L-imħarrka għażlet li ma ssejjisx l-imsemmija kisba tal-pussess fuq il-fatt ta' għotjiet b'liberalita' li persuni li jkunu għaddejjin minn relazzjoni sentimentali bħalma kienu għaddejjin il-partijiet dak iż-żmien x'aktarx jagħmlu ma' xulxin sewwasew minħabba dik ir-relazzjoni;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq tosserva li għalkemm l-imħarrka tibni l-każ tagħha fuq id-difiża tat-titolu ta' donazzjoni (titolu li jitnissel fuq bażi ta' sempliċi liberalita'), aktar ma beda jimxi l-każ aktar jidher li bdiet ixxaqleb il-każ tagħha fuq l-aspett tal-kumpens (li jimplika xi għamla ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv minħabba xi obbligu mnissel). Jidher li din ix-xejra baqgħet mhix ċara xejn tant li, sal-waqt li ġiet biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq, l-imħarrka bdiet torbot iż-żewġ kawżali flimkien[16], tant li f'ħin minnhom tgħid li "d-donazzjoni in kwistjoni kienet sospensiva għal dak iż-żmien meta l-konvenuta tesegwixxi fl-intier tagħha l-inkariku tagħha ta' sensara għall-istess attur"[17]. Fil-fehma tal-Qorti, din il-pożizzjoni ambigwa li toħroġ mill-imħarrka nnifisha ma tgħin xejn biex issaħħaħ it-teżi tagħha tat-titolu għad-djamant fuq il-bażi tal-liberalita' mnissla minn donazzjoni;

Illi f'kull każ, ukoll jekk wieħed kellu jilqa' l-bażi tal-pretensjoni tal-imħarrka bħala dik tad-donazzjoni flok ħlas (magħrufa bħala donazzjoni rimuneratorja, mista jew imħallta), xorta waħda jrid jintwera li jeżistu l-elementi li jsejsu d-donazzjoni[18];

[15] Dok "KA1", f'paġ. 149 tal-proċess
[16] Ara paġ. 173 tal-proċess
[17] *Ibid.* f'paġ. 177 tal-proċess
[18] P.A. **13.1.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.177**)

Illi fil-liġi tagħna r-regoli tal-kuntratt tad-donazzjoni ma jgħoddux fil-każ ta' dawk l-għotjiet li jsiru bi ħlas ta' xogħol li għalih il-persuna li lilha tingħata dik il-ħaġa jkollha jedd ta' azzjoni għall-ħlas[19]. Imma wkoll f'każ bħal dak, jekk kemm-il darba l-għotja tkun tisboq b'aktar min-nofs, l-ammont tal-ħlas dovut, dik l-għotja titqies bħala donazzjoni safejn jisboq tali ħlas. Fi kliem ieħor, lanqas l-għotja b'kumpens ma hija għal kollox meħlusa mil-ħtiġijiet li l-liġi tistabilixxi għal din l-għamla ta' kuntratt;

Illi, madankollu, l-Qorti hija tal-fehma li l-pretensjoni tal-imħarrka ma hijiex ta' min jilqagħha f'dan ir-rigward. Dan jingħad għaliex jekk hija torbot l-għotja mal-kumpens għall-ħidma tagħha biex sabet il-bejgħ tad-dar tal-attur, fis-sewwa jrid jingħad li hi personalment ma kellha l-ebda jedd għall-ħlas tas-senserija, ladarba hija kienet impjegata mal-kumpannija mqabbda mill-istess attur u ladarba dik is-senserija kienet dovuta lill-kumpannija. Jirriżulta – minkejja d-dikjarazzjoni miktuba tal-imsemmija kumpannija[20] – li attur ħallas lill-kumpannija s-senserija marbuta mal-bejgħ tal-post tiegħu u li dan il-ħlas kien għas-saldu ta' kulma kien minnu dovut f'dan ir-rigward, tant li rappreżentant tal-istess kumpannija xehed u tenna aktar minn darba li dak li kien jinteressah l-aktar kien li l-*commission* kienet tħallset kollha saħansitra fl-istess waqt li kien ippubblikat il-kuntratt u ma kien hemm l-ebda pendenza dwarha[21]. L-imħarrka żgur ma kellhiex jedd tippretendi ħlas mingħand l-attur, għaliex ir-rabta legali tiegħu kienet mal-kumpannija li magħha l-imħarrka kienet taħdem;

Illi, dan ifisser allura li jekk kemm-il darba huwa minnu li l-ħaġra prezzjuża għaddiet f'idejn l-imħarrka b'għotja, din setgħet biss tkun bħala rigal b'rikonoxxenza[22], f'liema każ jgħoddu r-regoli marbutin mal-kuntratt ta' donazzjoni;

---

[19] Art. 1739 tal-Kap 16
[20] Dok "DT", f'paġ. 42 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Chris Grech 30.4.2004, f'paġġ. 152 – 3 tal-proċess
[22] Art. 1738 tal-Kap 16

Illi l-liġi tagħmel il-ħtieġa ta' att pubbliku bħala element kostitutiv tal-kuntratt tad-donazzjoni[23]. In-nuqqas ta' tali element jġib l-effett tan-nullita' tal-għotja li tkun. Huwa nqqas li jġib nullita' assoluta tan-negozju li jkun sar u hija nullita' li tista' titqajjem saħansitra minn min ikun ta l-ħaġa[24]. Fil-każ tal-lum, ma hemm l-ebda kwestjoni li ma sar l-ebda kuntratt pubbliku u lanqas imqar kitba privata. L-imħarrka tgħid li f'dan il-każ, lanqas kien meħtieġ l-ebda kuntratt pubbliku għaliex il-ħaġra prezzjuża kienet rigal li għadda minn id għal id u li l-valur tagħha, meta jitqiesu l-kundizzjonijiet u l-fakultajiet ekonomiċi u l-meżżi tal-attur, ma kienx wieħed kbir[25];

Illi hawn ukoll tajjeb li jitfakkar li għalkemm, f'xi ċirkostanzi speċjali, l-liġi tneħħi l-ħtieġa tal-kuntratt pubbliku biex għotja tkun tgħodd, ma tarmix b'daqshekk l-elementi l-oħrajn meħtieġa għas-siwi ta' donazzjoni. Fi kliem ieħor, minbarra l-aspett formali tal-kuntratt innifsu, hemm elementi interni li jridu jirriżultaw, fost dawn il-"*causa*" tal-kuntratt li hija r-rieda ta' persuna li tagħti l-ħaġa b'liberalita' (*animus donandi*)[26]. Huwa magħruf li f'kull għotja jew donazzjoni minn id għal id irid jintwera li jikkonkorru tliet elementi: (i) l-għoti fil-fatt tal-ħaġa nnifisha minn sidha lil ħaddieħor (id-donatarja) fil-pussess tagħha; (ii) li l-valur tal-ħaġa mogħtija ma jkunx wieħed kbir u jkun proporzjonat mal-fakultajiet ta' min ikun taha; u (iii) li min jagħti l-ħaġa (d-donanti) jkollu l-fehma li jagħti dik il-ħaġa u li jrid jeħles minnha minnufih u għal dejjem[27]. Massima legali f'dan ir-rigward li ġejja mill-qedem tgħid li "*donare vero nihil aliud est quam jactare et perdere*". In-nuqqas ta' xi wieħed mill-imsemmija elementi jġib fix-xejn l-allegazzjoni tad-donazzjoni[28];

Illi fil-każ tal-lum, il-kwestjoni ewlenija hija dik marbuta mal-fehma tal-attur **fil-waqt li għadda l-ħaġra prezzjuża lill-imħarrka**. Hija l-fehma tal-Qorti li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-*animus donandi* trid tintwera f'dak

---

[23] Art. 1753(1) tal-Kap 16
[24] P.A. **11.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Borġ pro et noe*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1156**)
[25] Art. 1753(2)(a) tal-Kap 16
[26] Torrente *Manuale di Diritto Privato* (9ª Ediz.) § 536, f'paġġ. 977 – 9
[27] Caruana Galizia *Notes on Civil Law* : "Donation", f'paġ. 907 – 8
[28] P.A. **17.10.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.416**)

il-waqt li l-ħaġa tkun ingħatat, u li r-ripensamenti jew bidla tal-fehma li d-donanti jista' jkollu minħabba xi ċirkostanzi li jseħħu wara dik l-għatja ma jkunu jgħoddu xejn. Dan jingħad għaliex l-għotja tkun ipperfezzjonat ruħha malli sseħħ, sakemm ikun hemm dik ir-rieda, u ladarba sseħħ id-donanti jitlef kull jedd patrimonjali fuq il-ħaġa donata. Madankollu, l-prova tal-fehma tad-donanti trid tkun waħda ċara u jekk kemm-il darba joħroġ jew jifdal dubju dwar fehma bħal dik, jitqies li jkun naqas element ewlieni tal-prova tal-kuntratt ta' donazzjoni[29]. Hawn ukoll, tiġi tgħodd il-massima legali l-oħra li trid li "*in dubio autem donatio non praesumitur*";

Illi meta għarblet b'reqqa x-xhieda kollha mressqa u rifdithom mill-isfumaturi ta' interess li d-diversi xhud seta' kellhom lejn xi waħda jew oħra mil-partijiet, l-Qorti waslet għall-fehma li xejn ma toħroġ ċara l-prova meħtieġa li l-attur ta l-ħaġra prezzjuża lill-attriċi b'rigal, kif tallega hi[30]. Filwaqt li x-xhieda ta' oħtha Marise Camilleri[31] kienet x'aktarx mibnija fuq x'qal ħaddieħor u mhux x'ġara tabilħaqq fil-preżenza tagħha, ix-xhieda ta' Chris Grech[32] ukoll ma titfax dawl fuq x'kienet il-fehma tal-attur fiż-żmien rilevanti. Ix-xhieda tal-imħarrka, mbagħad, kienet karatterizzata minn sensiela ta' korrezzjonijiet tal-verżjonijiet tagħha ta' qabel[33], minbarra asserzjonijiet xi ftit jew wisq imċajpra tal-fehma tagħha dwar kif id-djamant wasal għandha. Hekk, per eżempju, hija tgħid li kienet "given this diamond as a form of compensation for the commission that was promised to me"[34]. Aktar 'il quddiem tgħid li "Denis had given it to me more as a compensation, to compensate me for the extra price that I managed to get for his premises"[35];

Illi, min-naħa l-oħra x-xhud imressqa mill-attur tisħaq li l-imħarrka nnifisha kienet stqarret magħha li l-attur kien

[29] P.A. **17.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Lia et vs Lia*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1163**)
[30] Ara, b'eżempju, App. Inf. **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Fiorentino vs Rebecca Attard*** li kellha elementi li jixbhu ċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet f'din il-kawża, kif l-attur kellu okkażjoni jisħaq sewwa fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu
[31] Affidavit tagħha f'paġġ. 91 – 2 tal-proċess
[32] Affidavit tiegħu f'paġ. 147 tal-proċess
[33] Paġġ. 68 – 9 u 86 tal-proċess
[34] Xhieda tagħha 28.1.2001, f'paġ. 69 tal-proċess
[35] *Ibid.* f'paġ. 70 tal-proċess

silifha d-djamant[36] u kienet kategorika meta, fil-kontro-eżami tagħha[37], warrbet b'qawwa u b'mod konċiż is-suġġeriment li l-ħaġra kienet ingħatat lill-imħarrka bħala rigal għal ħidmietha in konnessjoni mal-bejgħ tal-post tal-attur. Hemm aspett ieħor ukoll li joħroġ mill-provi u li l-Qorti tqisu rilevanti għall-istħarriġ li qiegħda tagħmel. Dan l-aspett joħroġ minn xhieda li turi li fiż-żmien li l-ħaġra kienet f'idejn l-imħarrka, l-attur kien staqsa lil ħabibtu (mhux l-imħarrka) jekk kinitx imħajra tixtriha[38]. Jirriżulta wkoll li f'dawk iż-żminijiet l-attur innifsu kien offra l-ħaġra (flimkien ma' ħaġar ieħor li kellu)[39] bi ħlas tal-prezz tal-post il-ġdid li kien qed ifittex li jixtri wara li kien biegħ il-post ta' Baħar iċ-Ċagħak. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ ċirkostanzi juru n-nuqqas ta' *animus donandi* fl-attur, li mhux talli ma kienx tal-fehma li jeħles mill-ħaġra, imma li baqa' jqis li hu kien għadu s-sid tagħha u li kienet għadha tiegħu;

Illi lanqas ma tara bħala prova tal-fehma tad-donazzjoni l-fatt li l-imħarrka żiedet l-assikurazzjoni tal-ħwejjeġ fid-dar tagħha u t-tqegħid ta' kassaforti bħala prova li l-ħaġra kienet għandha b'donazzjoni. L-għażla tagħha li tassikura dik il-ħaġra ma tistax tissarraf tabilfors fil-konklużjoni li hija kienet saret sidha b'donazzjoni, għaliex mhux kull min jassikura ħaġa fil-pussess tiegħu irid tabilfors ikun sidha, imma jista' jkun qed iżommha għandu f'isem ħaddieħor u jħares lilu nnifsu minn xi telfien jew ħsara fil-ħaġa meta jiġi biex iroddha lura;

Illi, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ħaġra prezzjuża li l-attur qiegħed jitlob lill-imħarrka troddlu lura kienet ingħatatilha b'donazzjoni. Ladarba l-imħarrka ma allegat l-ebda titolu ieħor jew ma ressqet l-ebda raġuni oħra għaliex għandha dritt tibqa' żżommha, l-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attriċi;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li l-attur għadda l-pendent lill-imħarrka bħala depożitu volontarju, u għalhekk l-imħarrka

[36] Xhieda ta' Maureen Caruana Montalto, f'paġ. 50 tal-proċess
[37] Paġ. 157 tal-proċess
[38] *Ibid.* f'paġ. 155 tal-proċess
[39] Dok "TP", f'paġ. 68 tal-proċess

għandha troddu lura[40], salv kull jedd li hija jista' jkollha għall-ispejjeż li nefqet biex ħadet ħsieb iżżommu taħt il-ħarsien tagħha[41];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjoni** tal-imħarrka bħala waħda mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-talbiet attriċi** u tordna lill-imħarrka sabiex, fi żmien tletin (30) jum millum, trodd lura lill-attur id-djamant tiegħu "*pear shaped*" ta' tnejn punt wieħed disgħa karati (2.19 ct) kif imfisser fiċ-ċertifikat mehmuż mal-Att taċ-Ċitazzjoni jew wieħed bħalu, u li, f'każ li tonqos li tagħmel dan fiż-żmien mogħti lilha, qiegħda tawtorizza lill-attur *proprio* li jixtri jew jordna djamant ieħor bħalu bi spejjeż għall-imħarrka; u

**Tikkundanna** lill-imħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[40] Art. 1904 tal-Kap 16
[41] Art. 1918 tal-Kap 16